

ANNESS I
KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Proteq West Nile suspensjoni għall-injezzjoni għaż-żwiemel

2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kull doża ta' wieħed ml fiha:

Sustanza Attiva:

West Nile virus rikombinat tal-Canarypox (vCP2017).....6.0 sa 7.8 log 10 CCID*₅₀

*Doża infettiva tal-kultura taċ-ċelluli 50 %

Sustanza mhux attiva:

Carbomer..... 4 mg

Ingredjenti oħra:

Kompożizzjoni kwalitattiva tal-ingredjenti u kostitwenti oħra
<i>Sodium chloride</i>
<i>Disodium phosphate dihydrate</i>
<i>Potassium dihydrogen phosphate</i>
<i>Ilma għall-injezzjonijiet</i>

Suspensjoni omoġenja opalex-xenti.

3. TAGĦRIF KLINIKU

3.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Żwiemel

3.2 Indikazzjonijiet għal użu għal kull speċi li fuqha se jintuża l-prodott.

Immunizzazzjoni attiva ta' żwiemel ta' 5 xhur jew akbar kontra l-marda West Nile billi tnaqqas in-numru ta' żwiemel li għandhom il-virus fid-demm. Jekk hemm sinjal kliniċi , it-tul u s-severità tagħhom jonqsu.

Bidu tal-immunità: 4 ġimħat wara l-ewwel kors ta' tilqim. Sabiex protezzjoni kompluta tkun miksuba, il-kors kollu ta' tilqim ta' żewġ dożi għandu jiġi mgħoti.

Perjodu tal-immunità: sena wara l-ewwel kors komplet ta' tilqim ta' żewġ injezzjonijiet.

3.3 Kontraindikazzjonijiet

Xejn.

3.4 Twissijiet speċjali

Laqqam animali f'saħħithom biss.

3.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu sigur fl-ispeċi li fuqhom ser jintuża l-prodott:

Is-sigurtà tal-vaċċin għiet murija fi żwiemel żgħar 'il fuq mill-età ta' ġħames xħur. Pero' il-vaċċin intwera wkoll li huwa sigur fî studju li sar li inkluda annimali ta' xahrejn.

It-tilqim jista' jinterferixxi ma' stħarriġ sero-epidemjoloġiku eżistenti. Pero' la r-rispons tal-IgM wara t-tilqim mhux frekwenti, ir-risultat posittiv tat-test IgM-ELISA huwa indikatur qawwi ta' infezzjoni naturali bil-West Nile Virus. Jekk hemm suspectt ta' infezzjoni b'risultat tar-rispons posittiv tal-IgM, testijiet ulterjuri ikollhom isiru biex tiddetermina konklussivament jekk l-annimal kienx infettat jew imlaqqam.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali

F'każ li tinjetta lilek innifsek b'mod accidental, fittex parir mediku mal-ewwel u qis li turi l-fuljett ta' tagħrif jew it-tikketta lit-tabib.

Prekawzjonijiet speċjali għall-protezzjoni tal-ambjent:

Mħux applikabbli.

3.6 Effetti mhux mixtieqa

Żwiemel:

Komuni (1 sa 10 annimali / 100 annimal ittrattati):	Nefħa fil-post tal-injezzjoni. ¹
Rari (1 sa 10 annimali / 10,000 annimal ittrattati):	Uġiġ fil-post tal-injezzjoni, żieda fit-temperatura tal-ġilda. Żieda fit-temperatura. ² Apatija ³ , nuqqas t'aptit. ⁴ Reazzjoni ta' sensittività eċċessiva. ⁵
Rari ħafna (<1 annimal / 10,000 annimal ittrattati, inkluż rapporti iż-żolati):	Axxess fil-post tal-injezzjoni.

¹ temporanja, dijametru massimu ta' 5 cm, li tgħaddi fi żmien 4 ijiem.

² massimu 1.5 °C, għal jum wieħed, f'każijiet rari għal jumejn.

³ normalment tgħaddi fi żmien jumejn.

⁴ l-għada tat-tilqima.

⁵ li tista' tkun teħtieġ trattament sintomatiku xieraq.

Ir-rappurtar ta' effetti mhux mixtieqa huwa importanti. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tas-sigurtà ta' prodott mediċinali veterinarju. Ir-rapporti għandhom jintbagħtu, preferibbilment permezz ta' veterinarju, jew lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-taqegħid fis-suq jew ir-rappreżentant lokali tiegħi jew lill-awtorità nazzjonali kompetenti permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali. Ara wkoll il-fuljett ta' tagħrif għad-dettalji ta' kuntatt rispettivi.

3.7 Użu fit-tqala, fit-treddiġ u fi żmien il-bidien

Jista' jintuża waqt it-tqala u t-treddiġ.

3.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni

M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' dan il-vaċċin jekk jintuża flimkien ma' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju ieħor. Id-deċiżjoni sabiex jintuża dan il-vaċċin qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor, għaldaqstant għandha tittieħed każ b'każ.

3.9 Metodi ta' amministrazzjoni u dożaġġ

Għall-użu ġol-muskoli.

Ixxejkja fit il-vaċċin qabel l-użu.

Amministra doża waħda ta' ml b'injezzjoni fil-muskolu, preferibbilment fl-ġħonq, skont din l-iskeda li ġejja:

- L-ewwel kors ta' tilqim: l-ewwel injezzjoni minn 5 xħur, it-tieni injezzjoni 4 sa 6 ġimħat wara,
- It-tieni kors: livell suffiċjenti ta' protezzjoni għandha tinkiseb wara injezzjoni booster ta' kull sena b'doża waħda għalkemm din l-iskeda ma ġietx kompletament dikjarata valida.

3.10 Sintomi ta' doża eċċessiva (u fejn applikabbi, proċeduri ta' emerġenza u antidoti)

Wara li ġew amministrati iżjed minn 10 dożi, l-ebda effetti mhux mixtieqa, ħlief dawk deskritti taħt sezzjoni 3.6, ma ġew osservati.

3.11 Restrizzjonijiet speċjali għall-użu u kundizzjonijiet speċjali għall-użu, inklużi restrizzjonijiet dwar l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi u antiparassitiċi sabiex jiġi limitat ir-riskju ta' żvilupp ta' reżistenza

Kull persuna li għandha ħsieb timmanifattura, timporta, iż-żomm, tqassam, tbigħ, tipprovi u/jew tuża dan il-prodott mediċinali veterinarju għandha l-ewwel tikkuntattja l-awtorită kompetenti tal-Istat Membru relevanti dwar il-programmi ta' tilqim fis-seħħi, minħabba li dawn l-attivitàajiet jistgħu jkunu pprojbiti fit-teritorju kollu ta' Stat Membru jew f'parti minnu skont il-liġi nazzjonali.

3.12 Perjodi ta' tiżzmim

Xejn.

4. INFORMAZZJONI IMMUNOLOĠIKA

4.1 Kodiċi ATC veterinarja:

QI05AX

Biex jistimola immunità kontra il-virus West Nile.

L-istrejn vCP2017 tal-vaċċin huwa virus rikombinat tal-canarypox li jesprimi il-ġeni .preM/E tal-virus West Nile. Wara l-innokulazzjoni, il-virus ma jimmolteplikax fiż-żiemel iż-żda jesprimi il-proteini protettivi. Konsegwentement, dawn il-proteini jindu ċu immunità protettiva kontra -marda West Nile fiż-żwiemel.

5. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

5.1 Inkompatibbiltajiet maġġuri

Tħallatx ma' ebda prodott mediċinali veterinarju ieħor.

5.2 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali veterinarju kif ippakkjat għall-bejgħ:27 xahar.
Żmien kemm idum tajjeb wara li jkun infetaħ l-ippakkjar li jmiss mal-prodott: uża immedjatament la darba miftuħ.

5.3 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ (2 °C-8 °C).

Tagħmlux fil-friża.

Ipproteġi mid-dawl.

5.4 In-natura u l-għamla tal-ippakkjar li jmiss mal-prodott

Fjala tal-ħġieġ tal-Ewwel Tip, b'tapp tal-lastku u ssiġillat b'tapp tal-aluminju.

Kaxxa ta' 1, 2, 5 jew 10 fjal(i) ta' doża.

Mhux id-daqqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu jkunu qegħdin fis-suq.

5.5 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Il-mediċini m'għandhomx jiġu mormija mal-ilma maħmuġ jew mal-iskart domestiku.

Uża skemi ta' teħid lura għar-rimi ta' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minnu skont kif jitkolu r-regolamenti tal-pajjiż u skont kwalunkwe sistema nazzjonali tal-ġbir applikabbi għall-prodott veterinarju mediċinali kkonċernat.

6. ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH

7. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/11/129/001-004

8. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 05/08/2011

9. DATA TAL-AĦĦAR REVIŻJONI TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR

{XX/SSSS}

10. KLASIFIKAZZJONI TAL-PRODOTTI MEDIĊINALI VETERINARJI

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju hija disponibbli fid-‘database’ tal-Prodotti tal-Unjoni (<https://medicines.health.europa.eu/veterinary>).

ANNESS II

**KONDIZZJONIJIET U ĦTIĠIJIET OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID
FIS-SUQ**

Xejn.

ANNESS III
TIKKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF

A.TIKKETTA

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**KAXXA TA' BARRA****1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Proteq West Nile suspensjoni għall-injezzjoni

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

Kull doża ta' wieħed ml fiha:

West Nile virus rikombinat tal-Canarypox (vCP2017) 6.0 sa 7.8 log 10 CCID₅₀
Carbomer..... 4 mg

3. DAQS TAL-PAKKETT

1 x doża

2 x doża

5 x doża

10 x doża

4. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Żwiemel

5. INDIKAZZJONIJIET**6. MODI TA' AMMINISTRAZZJONI**

Għall-użu ġol-muskolu

7. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Żmien ta' tiżmim: xejn

8. DATA TA' SKADENZA

Exp. {jj/xx/ssss}

Ladarba jinfetaħ uża fil-pront.

9. PREKAWZJONIJIET SPEċJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżeen u ttrasporta ġo friġġ.

Tagħmlux fil-friża.

Ipproteġi mid-dawl.

10. IL-KLIEM “AQRA L-FULJETT TA’ TAGĦRIF QABEL L-UŻU”

Aqra l-fuljett ta’ tagħrif qabel l-użu.

11. IL-KLIEM “GĦALL-KURA TAL-ANIMALI BISS”

Għall-kura tal-animali biss.

12. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

13. L-ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH

14. NUMRU/I TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/11/129/001 1 x doża

EU/2/11/129/002 2 x doża

EU/2/11/129/003 5 x doża

EU/2/11/129/004 10 x doża

15. NUMRU TAL-LOTT

Lot {numru}

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ UNITAJIET ŻGĦAR TA' IPPAKKJAR LI
JMISS MAL-PRODOTT**

Tikketta tal-fjala

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Proteq West Nile



2. ID-DETTALJI KWANTITATTIVI TAS-SUSTANZI ATTIVI

Doża waħda

3. NUMRU TAL-LOTT

Lot {numru}

4. DATA TA' SKADENZA

Exp. {jj/xx/ssss}

Ladarba jinfetaħ uża fil-pront.

B. FULJETT TA' TAGĦRIF

FULJETT TA' TAGĦRIF

1. L-isem tal-prodott mediciinali veterinarju

Proteq West Nile suspensjoni għall-injezzjoni għaż-żwiemel

2. Kompożizzjoni

Kull doża ta' ml wieħed fiha:

Sustanza attiva:

West Nile virus rikombinat tal-Canarypox (vCP2017).....6.0 sa 7.8 log 10 CCID^{*}₅₀

* Doża infettiva tal-kultura taċ-ċelluli 50 %

Sustanza mhux attiva:

Carbomer..... 4 mg

Suspensjon omoġjenja opalexxti.

3. Speċi li għalihom huwa indikat il-prodott

Żwiemel.

4. Indikazzjonijiet għall-użu

Immunizzazzjoni attiva ta' żwiemel ta' 5 xhur jew akbar kontra l-marda West Nile billi tnaqqas in-numru ta' żwiemel li għandhom il-virus fid-demm. Jekk hemm sinjal kliniċi, it-tul u s-severità tagħhom jonqsu.

Bidu tal-immunità: 4 ġimġhat wara l-ewwel kors ta' tilqim. Sabiex protezzjoni kompluta tkun miksuba, il-kors kollu ta' tilqim ta' żewġ dożi għandu jiġi mgħotxi.

Perjodu tal-immunità: sena wara l-ewwel kors komplet ta' tilqim ta' żewġ injezzonijiet.

5. Kontraindikazzjonijiet

Xejn.

6. Twissijiet speċjali

Laqqam annimali f'saħħithom biss.

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu sigur fl-ispeċi għal xiex huwa indikat:

Is-sigurtà tal-vaċċin għiet murija fi żwiemel żgħar 'il fuq mill-età ta' ħames xhur. Pero', il-vaċċin intwera wkoll li huwa sigur fi studju li sar li inkluda annimali ta' xahrejn.

It-tilqim jista' jinterferixxi ma' stħarriġ sero-epidemjoloġiku eżistenti. Pero' la r-rispons tal-IgM wara t-tilqim mhux frekwenti, ir-risultat posittiv tat-test IgM-ELISA huwa indikatur qawwi ta' infezzjoni naturali bil-West Nile Virus. Jekk hemm suspect ta' infezzjoni b'rезультат tar-rispons posittiv tal-IgM, testijiet ulterjuri ikollhom isiru biex tiddetermina konkluvvavament jekk l-annimal kienx infettat jew imlaqqam.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali:

F'każ li tinjetta lilek innifsek b'mod aċċidental, fitteż parir mediku mal-ewwel u qis li turi l-fuljett ta' tagħrif jew it-tikketta lit-tabib.

Tqala u treddiġħ:

Dan il-vaċċin jista' jintuża waqt it-tqala u t-treddiġħ.

Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħrajn u forom oħrajn ta' interazzjoni:

M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' dan il-vaċċin jekk jintuża flimkien ma' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju ieħor. Id-deċiżjoni sabiex jintuża dan il-vaċċin qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor, għaldaqstant għandha tittieħed każ b'każ.

Doża eċċessiva:

L-ebda effetti mhux mixtieqa, ġlief dawk deskritti taħt sezzjoni "Effetti mhux mixtieqa", ma ġew osservati wara li ġew amministrati iżżejjed minn 10 dożi.

Restrizzjonijiet speċjali għall-użu u kundizzjonijiet speċjali għall-użu:

Kull persuna li għandha ħsieb timmanifatura, timporta, iż-żomm, tqassam, tbigħ, tipprovdi u/jew tuża dan il-prodott mediċinali veterinarju għandha l-ewwel tikkuntattja l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru relevanti dwar il-programmi ta' tilqim fis-seħħħ, minħabba li dawn l-attivitàajiet jistgħu jkunu pprojbiti fit-teritorju kollu ta' Stat Membru jew f'parti minnu skont il-liġi nazzjonali.

Inkompatibilitajiet magħġuri:

Tħallatx ma' ebda prodott mediċinali veterinarju ieħor.

7. Effetti mhux mixtieqa

Żwiemel:

Komuni (1 sa 10 annimali / 100 annimali ittrattati):
Nefħa fil-post tal-injezzjoni. ¹
Rari (1 sa 10 annimali / 10,000 annimali ittrattati):
Uġiġ fil-post tal-injezzjoni, żieda fit-temperatura tal-ġilda. Żieda fit-temperatura. ² Apatija ³ , nuqqas t'aptit. ⁴ Reazzjoni ta' sensitività eċċessiva. ⁵
Rari ħafna (<1 annimal / 10,000 annimali ittrattati, inkluż rapporti iż-żolati):
Axxess fil-post tal-injezzjoni.

¹ dijametru massimu ta' 5 cm, li tgħaddi fi żmien 4 ijiem.

² (massimu 1.5 °C) għal jum wieħed, f'każijiet rari għal jumejn.

³ normalment tgħaddi fi żmien jumejn.

⁴ l-ġħada tat-tilqima.

⁵ li tista' tkun teħtieġ trattament sintomatiku xieraq.

Ir-rappurtar ta' effetti mhux mixtieqa huwa importanti. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tas-sigurtà ta' prodott. Jekk tinnota xi effetti serji anke dawk mhux imsemmija f'dan il-fuljett, jew taħseb li l-mediċina ma' ħadmitx, jekk jogħġbok ikkuntattja, mal-ewwel, lill-veterinarju tiegħek. Tista' tirrapporta wkoll kwalunkwe effett mhux mixtieq lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-taqegħid fis-suq jew lir-rappreżentant lokali tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-taqegħid fis-suq billi tuża d-dettalji ta'

kuntatt fit-tmiem ta' dan il-fuljett, jew permezz tas-sistema ta' rapportaġġ nazzjonali (dettalji tas-sistema nazzjonali).

8. Doża għal kull speċi, mod u metodu ta' amministrazzjoni

Għall-użu ġol-muskoli.

Amministra doża waħda ta' ml b'injezzjoni fil-muskolu, preferibbilment fl-għonq, skond din l-iskeda li ġejja:

- L-ewwel kors ta' tilqim: l-ewwel injezzjoni minn 5 xhur, it-tieni injezzjoni 4 sa 6 ġimġhat wara.
- It-tieni kors: a livell suffiċċenti ta' protezzjoni għandha tinkiseb wara injezzjoni booster ta' kull sena b'doża waħda għalkemm din l-iskeda ma ġietx kompletament dikjarata valida.

9. Parir sabiex tamministra b'mod korrett

Ħawwad il-vaċċin bil-mod qabel l-użu.

10. Perjodi ta' tiżmim

Xejn.

11. Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

Aħżeen u ttrasporta fil-friġġ (2 °C-8 °C).

Tagħħmlux fil-friża.

Ipproteġi mid-dawl.

Tużax dan il-prodott mediċinali veterinarju wara d-data ta' skadenza murija fuq it-tikketta wara Jiskadi.

Iż-żmien kemm idum tajjeb wara li jinfetaħ il-pakkett li jmiss mal-prodott għall-ewwel darba: uża immedjatament.

12. Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi

Il-mediċini m'għandhomx jiġu mormija mal-ilma maħluġ jew mal-iskart domestiku.

Uża skemi ta' teħid lura għar-rimi ta' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju skont kif jitkolbu r-regolamenti tal-pajjiż u skont kwalunkwe sistema nazzjonali tal-ġbir applikabbi. Dawn il-miżuri għandhom jgħinu sabiex jipproteġu l-ambjent.

Staqsi lill-kirurgu veterinarju tiegħek dwar kif l-aħjar li tarmi l-mediċini li ma jkunux aktar meħtieġa.

13. Klassifikazzjoni tal-prodotti mediċinali veterinarji

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

14. Numri tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u d-daqsijiet tal-pakkett

EU/2/11/129/001-004

Kaxxa ta' 1, 2, 5 jew 10 fjali ta' doża waħda.
Mhux id-daqsjiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

15. Id-data li fiha ġie rivedut l-aħħar il-fuljett ta' tagħrif

{XX/SSSS}

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediciinali veterinarju hija disponibbli fid-‘database’ tal-Prodotti tal-Unjoni (<https://medicines.health.europa.eu/veterinary>).

16. Dettalji ta’ kuntatt

Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq:

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
55216 Ingelheim/Rhein
Il-Ġermanja

Manifattur responsabbi għall-ħruġ tal-lott:

Boehringer Ingelheim Animal Health France SCS
Laboratoire Porte des Alpes
Rue de l’Aviation
69800 Saint-Priest
Franza

Rappreżentanti lokali u d-detalji ta’ kuntatt biex jiġu rrappurtati effetti mhux mixtieqa:

België/Belgique/Belgien

Boehringer Ingelheim Animal
Health Belgium SA
Avenue Arnaud Fraiteurlaan 15-23,
1050 Bruxelles/Brussel/Brüssel
Tél/Tel: + 32 2 773 34 56

Lietuva

Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Lietuvos filialas
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Vīne, Austrija
Tel: +370 5 2595942

Република България

Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Виена, Австрия
Tel: +359 2 958 79 98

Luxembourg/Luxemburg

Boehringer Ingelheim Animal
Health Belgium SA
Avenue Arnaud Fraiteurlaan 15-23,
1050 Bruxelles/Brussel/Brüssel
Tél/Tel: + 32 2 773 34 56

Česká republika

Boehringer Ingelheim spol. s r.o.
Purkyňova 2121/3
CZ - 110 00, Praha 1
Tel: +420 234 655 111

Magyarország

Boehringer Ingelheim RCV GmbH & CoKG
Magyarországi Fióktelep
Lechner Ö. Fasor 10.
H-1095 Budapest
Tel: +36 1 299 8900

Danmark

Boehringer Ingelheim Animal Health Nordics
A/S
Weidekampsgade 14
DK-2300 København S
Tlf: + 45 3915 8888

Malta

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
D-55216 Ingelheim/Rhein, il-Ġermanja
Tel: +353 1 291 3985

Deutschland

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
55216 Ingelheim/Rhein
Tel: 0800 290 0 270

Nederland

Boehringer Ingelheim Animal Health
Netherlands bv
Basisweg 10
1043 AP Amsterdam
Tel: +31 20 799 6950

Eesti

Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Eesti filial
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Vii, Austria
Tel: +372 612 8000

Norge

Boehringer Ingelheim Animal Health Nordics
A/S
Weidekampsgade 14
DK-2300 København S
Tlf: +47 66 85 05 70

Ελλάδα

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
D-55216 Ingelheim/Rhein, Γερμανία
Τηλ: +30 2108906300

Österreich

Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Wien
Tel: +43 1 80105-6880

España

Boehringer Ingelheim Animal Health España,
S.A.U.
Prat de la Riba, 50
08174 Sant Cugat del Vallès (Barcelona)
Tel: +34 93 404 51 00

Polska

Boehringer Ingelheim Sp. z o.o.
ul. Józefa Piusa Dziekonskiego 3
00-728 Warszawa
Tel.: + 48 22 699 0 699

France

Boehringer Ingelheim Animal Health France,
SCS
29, avenue Tony Garnier
69007 Lyon
Tél : +33 4 72 72 30 00

Portugal

Boehringer Ingelheim Animal Health Portugal,
Unipessoal, Lda.
Avenida de Pádua, 11
1800-294 Lisboa
Tel: +351 21 313 5300

Hrvatska

Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Beč, Austria
Tel: +385 1 2444 600

România

Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Sucursala Bucureşti
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Viena, Austria
Tel: +40 21 302 28 00

Ireland

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
D-55216 Ingelheim/Rhein, Germany
Tel: +353 1 291 3985

Slovenija

Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Podružnica Ljubljana
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Dunaj, Avstrija
Tel: +386 1 586 40 00

Ísland

Vistor
Hörgatún 2
210 Garðabær
Sími: + 354 535 7000

Slovenská republika

Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co
KG, o.z.
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Viedeň, Rakúsko
Tel: +421 2 5810 1211

Italia

Boehringer Ingelheim Animal Health
Italia S.p.A.
Via Vezza d'Oglio, 3
20139 Milano
Tel: +39 02 53551

Suomi/Finland

Vetcare Oy
PL/PB 99
24101 Salo
Puh/Tel: + 358 201443360

Kύπρος

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
D-55216 Ingelheim/Rhein, Γερμανία
Τηλ: +30 2108906300

Sverige

Boehringer Ingelheim Animal Health Nordics
A/S
Weidekampsgade 14
DK-2300 København S
Tlf: +46 (0)40-23 34 00

Latvija

Boehringer Ingelheim RCV GmbH & Co KG
Latvijas filiāle
Dr. Boehringer Gasse 5-11
A-1121 Viena, Austrija
Tel: +371 67 240 011

United Kingdom (Northern Ireland)

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
D-55216 Ingelheim/Rhein, Germany
Tel: +353 1 291 3985

17. Tagħrif ieħor

Biex jistimola immunità attiva kontra l-West Nile Virus.

L-istrejn vCP2017 tal-vaċċin huwa virus rikombinat tal-canarypox li jesprimi il-ġeni .preM/E tal-virus West Nile. Wara l-innokulazzjoni, il-virus ma jimmolliplikax fiż-żiemel iż-żda jesprimi il-proteini protettivi. Konsegwentement, dawn il-proteini jindu ċu immunità protettiva kontra l-marda West Nile fiż-żwiemel.